# Programm tal-Festi
# f'Ġieh
# IL-MADONNA TAL-ĠILJU
# Fil-Parroċċa tal-Imqabba
# 8 - 11 ta' Ġunju 1978



MAĦRUĠ MIS-SOĊJETA TAL-ĠILJU — MQABBA

# IL-FESTA TAL-MADONNA TAL-ĠILJU

F'okkażjoni hekk tabilħaqq kbira, u solenni tal-Madonna Tal-Ġilju, aħna wliedek l-Imqabbin ta' kull sena mmorru bl-akbar għożża u devozzjoni, nfakkru din is-sollennita' għall-akbar Unur Tiegħek, meta s-Sinjur Alla għoġbu jeżaltak fost il-kreaturi kollha ta' Adam.

Aħna, allura bħal ulied denji Tiegħek ma jistax ikun li f'din is-sena wkoll ma mmorrux Lilek nonqsu minn dak ir-rispett u qima, kif Lilek tabilħaqq jixraqlek, bħala l-Omm Spiritwali tagħna, u niffesteġġjaw Lilek Festa kbira u li tistħoqqlok.

U għalhekk, Oh Reġina tas-Sema, ħallina minn qiegħ qalbna nitolbuk f'ġieh Ibnek Sidna Ġesù Kristu li tixħet il-grazzji Tiegħek fuqna, tar-ruħ u tal-ġisem u tifrex fuqna l-barka Tiegħek mis-Sema, li minn qiegħ qalbna aħna ilkoll b'ħerqa kbira nitolbuk.

—— O ——

*Sultana tas-Sema, taħt it-Titolu tal-Ġilju, itlob għalina*

**N.B.**—Il-Kumitat jieħu din l-oċkażjoni biex jirringrazzja lill-partitarji nisa tal-offerti li huma għamlu speċjalment lis-Sinjorina Carmena Mifsud li ġabret is-somma ta' **£M90.**

# Funzjonijiet fil-Knisja

**IL-HAMIS 8 TA' ĠUNJU**

7.00 p.m. Quddiesa Kantata, Priedka mir-Rev. Adrian Cachia O.F.M., Litanija, Antifona, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**IL-ĠIMGHA 9 TA' ĠUNJU**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
7.00 p.m. Quddiesa Kantata, Priedka, Antifona, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

# Lejlet il-Festa

**IS-SIBT 10 TA' ĠUNJU**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
5.30 p.m. Għasar bil-vuċijiet, wara l-Barka quddiesa bl-Omelija.

# Jum il-Festa

**IL-HADD 11 TA' ĠUNJU**

5.30 a.m. Quddiesa Parrokkjali.
7.00 a.m. Quddiesa Letta.
8.00 a.m. Kant tal-Lawdi.
8.30 a.m. Quddiesa Kantata. Wara l-Evanġelju, il-W.R. Kan. Joseph Portelli, jinseġ Paniġirku ta' tifħir lill-Ommna Marija, taħt it-titolu tal-Madonna tal-Ġilju.
10.30 a.m. Quddiesa Letta.
11.30 a.m. Quddiesa Letta.
6.00 p.m. Għasar Solenni bil-mużika. Wara toħroġ il-Purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju. Wara l-Purċissjoni tingħata l-Barka Sagramentali.

—— O ——

**N.B.**—Lejlet il-Festa jkun hemm il-konfessuri barranin għall-Qrar. Il-Mużika tkun taħt id-Direzzjoni tal-Maestro di Cappella F. Diacono.

**JOS FARRUGIA,**
Prokuratur.

# Manifestazzjoni Soċjali

**IL-ĠIMGHA 9 TA' ĠUNJU:**

8.15 p.m. Tberik ta' Statwa ġdida fil-bitħa tal-Każin. L-istatwa li hija tal-Madonna tal-Ġilju, sejra titbierek minn Dun Anton Vella kappillan tar-Raħal, l-istatwa kif ukoll in-niċċa ġew maħdumin mill-artist partitarju is-Sur Rozario Zammit u l-ispejjes kollha ġew imħallsa mill-magħruf Benefattur tas-soċjetà is-Sur Menu Vella.

8.45 p.m. Il-Banda Lily ta' l-istess Soċjetà tferraħ it-toroq ewlenin tar-raħal b'sett ta' marċi brijużi.

**IS-SIBT 10 TA' ĠUNJU — LEJLET IL-FESTA**

8.30 p.m. Mixgħela Ġenerali.

8.45 p.m. Il-Banda "M.M. Grazia" ta' Ħaż-Żabbar tagħmel marċ brijjuż mat-toroq tar-raħal. Wara jsir programm mużikali fil-pjazza tal-Knisja.

11.00 p.m. Ħruq ta' logħob tan-nar artistiku maħtdum middelettanti ta' l-istess Soċjetà.

**IL-ĦADD 11 TA' ĠUNJU — JUM IL-FESTA.**

10.30 a.m. Daqq ta' Marċi, u Innu lill-Madonna tal-Ġilju fuq Cable Radio.

12.30 p.m. Il-magħrufa Banda "Lily', fost entużjażmu l-aktar kbir tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha b'sett ta' marċi brijużi u ferrieħa.

6.00 p.m. Marċ mill-Banda Queen Victoria taż-~~Żwieġ~~ ZURRIEQ minn triq il-Parroċċa. Wara jsir programm fil-pjazza ħdejn is-Salib.

6.30 p.m. Marċ mill-Banda "San Ġużepp" tal-Ħamrun minn Triq Santa Katerina. L-istess Banda ddoqq Innu lill-Madonna tal-Ġilju, mużika tas-Surmast J. Darmanin A.Mus.L.C.M. versi ta' Dun F. Camilleri.

**P. FARRUGIA,**
Segretarju.

# RENDIKONT TAL-FESTA FIL-KNISJA
# SENA 1977

**DHUL:**

| | £M | .c | m |
|---|---|---|---|
| Bilanċ tas-sena l-oħra | 67 | 42 | 4 |
| Ġbir mill-Envelopes | 175 | 50 | 0 |
| Ġbir mir-Reklami | 5 | 00 | 0 |
| Total | £M247 | 92 | 4 |

**HRUĠ**

| | £M | .c | m |
|---|---|---|---|
| Mużika | 60 | 00 | 0 |
| Vuċijiet u Organista | 16 | 50 | 0 |
| Punternja | 20 | 00 | 0 |
| Dawl fil-knisja | 4 | 00 | 0 |
| Damask | 5 | 00 | 0 |
| Dritt tas-Sagristan | 3. | 00 | 0 |
| Salib tal-kleru | 1 | 50 | 0 |
| Daqq tal-Qniepen | 6. | 00 | 0 |
| Xema tal-Artali | 0 | 00 | 0 |
| Trasport għall-Orkestra | 5 | 00 | 0 |
| Patrijiet għal Qrar | 4 | 50 | 0 |
| Predikatur tat-tridijiet | 3 | 00 | 0 |
| Saċerdoti barranin għal-Festa | 7 | 00 | 0 |
| Fjuri | 1 | 00 | 0 |
| Programmi | 8 | 00 | 0 |
| Envelopes | 3 | 00 | 0 |
| Drinks | 2 | 00 | 0 |
| Hruġ Totali | 158 | 50 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| DHUL Totali | 247 | 92 | 4 |
| HRUĠ Totali | 158 | 50 | 0 |
| Bilanċ | 89 | 42 | 4 |

Il-Bilanċ ta' £89 42 4 mar kollu għal sett brazzi għal Pilastri Maġġuri li qamu £M110 00 0.
Il-Prokuratur jixtieq jirringrazzja lil kull min igħin bl-Offerta tiegħu.

**JOS. FARRUGIA,**
Prokuratur.